MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 57/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**John Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Frar tas-sena 2006 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (LM2,660.20) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 323303-9, 445902, 445942 u 323310 dana skond ma kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A u Dok B;

2. Bl-ispejjez tal-presenti, dawk ta' l-ittra ufficcjali datata is-27 ta' Settembru tas-sena 2005 tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut mid-dati tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali, li minn issa huwa ngunt gha-subizzjoni;

Rat in-nota tal-konvenut datata l-10 ta' Mejju tas-sena 2006 li permezz taghha huwa ammetta t-talbiet attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut John Zammit biex ihallas l-ammont ta' elfejn sitt mija u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezamu, (LM2,660.20,0), ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz promotur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mis-27 ta' Settembru tas-sena 2005 skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------